KULLEĠĠ SAN NIKOLA
L-EŻAMIJIET TA’ NOFS IS-SENA
FRAR 2015

| Il-Ħames Sena | IL-MALTI<br>(Il-Fehim mis-Smigħ) | Il-Ħin: 30 minuta |
|---|---|---|

# Il-Karta tal-Għalliema
## Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami tal-Fehim mis-Smigħ

1. Qassam il-karti bil-mistoqsijiet u itlob lit-tfal jiktbu isimhom, kunjomhom u l-klassi.
2. Aqra l-iskript bil-mod u b’leħen ċar kemm tista’.
3. L-iskript **aqrah darbtejn**, kwarta kull darba.

*Tfal, issa se tisimgħu s-silta bl-isem 'Il-Bidla fir-Raħal'. Isimgħu sew għax wara tridu twieġbu xi mistoqsijiet. Is-silta u l-mistoqsijiet se naqrahomlkom darba, nagħtikom iċ-ċans twieġbu, u wara nerġa' naqralkom is-silta u l-mistoqsijiet għat-tieni darba. Waqt li qed naqra s-silta tiktbu xejn.*

*Se nibda.*

## Il-Bidla fir-Raħal

Il-bajja kienet mimlija bid-dgħajjes u l-frejgatini. Il-baħar kalm kien qisu mera bix-xemx tgħammex ġo nofsu. Xi żewġ jottijiet kienu jidhru 'l bogħod, u kultant tgħaddi xi dgħajsa tal-qlugħ kemm kemm titħarrek. Is-sħana kienet taqtagħlek nifsek.

Fuq il-lemin tal-bajja kienu jidhru ringiela dwejriet u griebeġ qodma ta' xi erba' sajjieda tal-post, iżda fuq ix-xellug u n-naħiet ta' wara kien mimli djar moderni u appartamenti bil-galleriji kbar miftuħa. Sa ftit snin ilu r-raħal ma kien xejn għajr post kwiet u ħiemed tas-sajjieda, imma minn ftit taż-żmien 'l hawn bdew jersqu t-turisti, bdew telgħin id-djar, il-vilel u l-appartamenti, infetħu xi żewġ toroq ġodda bis-siġar, inbnew ħafna ħwienet moderni... u r-raħal kwiet tas-sajjieda xjuħ inbidel f'post ta' villeġġjatura mill-aktar imfittxija.

Imbagħad fix-xitwa kollox jerġa' jikkwieta. Il-vilel u l-appartamenti jiżvojtaw u jorqdu, it-toroq jitbattlu; u waqt li l-mewġ bil-grigal jitħajjar jibla' l-art, l-erba' sajjieda xjuħ jidgeddsu wara l-ħġieġ ta' djarhom jiżżuħajr 'l Alla li ma nqabdux fuq il-baħar. Iżda l-ħajja siekta tar-raħal ma ddumx wisq. Malli jitbiegħed Frar u joqorbu bil-mod il-mod April u Mejju, il-ħajja moderna u għaġġelija terġa' tiġi titbaħbaħ fuq ix-xtajtiet tar-raħal.

Ma' nżul ix-xemx sajfija, it-toroq jimtlew bin-nies. Kulħadd joħroġ jippassiġġa għall-frisk jew jinxteħitlek fuq il-bankijiet max-xtajta. Iż-żgħażagħ erħilhom jinġabru roqgħa roqgħa, jitkellmu u jisimgħu d-diski, imorru sal-gabbana jdoqqu l-mużika, jiżfnu u jniżżlu ġelat wara l-ieħor. Uħud kienu jinżlu għal dik l-għawma ta' filgħaxija u oħrajn jerħulha bil-frejgatina.

“Lanqas ili li xtrajtu sena,” kien qed jgħid Vince lil Carmen u lil Anna, hu u jurihom is-CD plejer li kellu f’idu.

“Sabiħ,” weġbitu Anna, “ħadtu xejn għali?”

“Tmenin ewro,” qabeż Vince waqt li beda jdawru f’idu, “Taf x’ħoss għandu hux...” U fil-pront waħħallu l-i*speakers* u nstemgħet id-diska ‘Happy’ li kienet fl-ewwel post tal-klassifika.

“Hux... għollilu Vince,” għajtet Carmen, “kemm togħġobni did-diska...!”

“Id-diski ta’ Pharrel Williams kollha tajbin,” daħket Anna.

“Bilħaqq,” qabeż fin-nofs Vince waqt li baxxa l-volum tad-diska, “intom ġejjin għada, hux?”

“Dażgur li ġejjin,” wieġbu flimkien Carmen u Anna, “Is-soltu... mhux hekk?”

“Iva... ħdejn it-torri,” reġa’ Vince, “Reno qalli niltaqgħu għal xi s-sebgħa u nofs.”

“Kollox sew,” qalet Carmen, “niġu żgur.”

It-tliet żgħażagħ ma damux jitkellmu wisq, għax min-naħa l-oħra tat-triq għaddiet Rose u t-tfajliet telqu minnufih biex ikellmuha. Vince xejrilhom u telaq waħdu jdoqq is-CD plejer u jkanta miegħu minn taħt l-ilsien.

*(Addattata minn ‘Dwal fil-Fortizza’ ta’ Trevor Zahra)*

* * *

*Issa li smajtu din is-silta, se naqralkom il-mistoqsijiet. Waqt li qed naqralkom il-mistoqsijiet tistgħu tibdew taħdmu t-tweġibiet.*

*Mela, issa se naqralek Taħriġ A.*

Immarka (✓) fil-kaxxa t-tajba. (10 marki)

1. Il-bajja kienet mimlija bid-dgħajjes u

| | | |
|---|---|---|
| a) | l-frejgatini | |
| b) | l-jottijiet | |
| ċ) | l-vapuri. | |
| d) | l-kajjikki. | |

2. Fuq ix-xellug u n-naħiet ta' wara tal-bajja kien hemm

| | | |
|---|---|---|
| a) | djar qodma u appartamenti bil-galleriji. | |
| b) | djar moderni u appartamenti bil-galleriji. | |
| ċ) | djar żgħar u vilel enormi. | |
| d) | vilel żgħar u appartamenti lussużi. | |

3. Fil-passat dan ir-raħal kwiet u ħiemed kien post

| | | |
|---|---|---|
| a) | tal-furnara. | |
| b) | tal-mastrudaxxi. | |
| ċ) | tal-bdiewa. | |
| d) | tas-sajjieda. | |

4. Fix-xitwa dan ir-raħal ikun

| | | |
|---|---|---|
| a) | kwiet. | |
| b) | kiesaħ. | |
| ċ) | storbjuż. | |
| d) | sħun. | |

5. Fis-sajf it-toroq ta' dan ir-raħal jimtlew b'nies

| | | |
|---|---|---|
| a) | jiġġieldu. | |
| b) | jieklu. | |
| ċ) | jiġru. | |
| d) | jippassiġġaw. | |

6. Iż-żgħażagħ joqogħdu

| | | |
|---|---|---|
| a) | jorqdu u jonħru. | |
| b) | jitkellmu u jisimgħu d-diski. | |
| ċ) | jiġru u jilagħbu. | |
| d) | jgħumu u jwaddbu r-ramel. | |

7. Filgħaxija wħud miż-żgħażagħ kienu

| | | |
|---|---|---|
| a) | jilagħbu logħba futbol. | |
| b) | jinżlu jgħumu. | |
| ċ) | jmorru d-diskoteka. | |
| d) | jmorru jaħdmu. | |

8. Kemm xtrah is-CD plejer Vince?

| | | |
|---|---|---|
| a) | erbgħin ewro. | |
| b) | tmintax-il ewro | |
| ċ) | tmenin ewro | |
| d) | mitt ewro | |

9. Fejn kienu se jiltaqgħu ż-żgħażagħ?

| | | |
|---|---|---|
| a) | San Pawl il-Baħar | |
| b) | ħdejn it-torri | |
| ċ) | ħdejn il-bandli | |
| d) | wara l-knisja | |

10. X'ħin kienu se jiltaqgħu?

| | | |
|---|---|---|
| a) | fit-tmienja u nofs | |
| b) | fil-ħamsa u kwart | |
| ċ) | f'nofsinhar | |
| d) | fis-sebgħa u nofs | |

*Issa se ngħaddu għal Taħriġ B.*

Immarka (✓) fil-kaxxa VERU jew FALZ (8 marki)

| | | Veru | Falz |
|---|---|---|---|
| 11 | Fuq il-lemin tal-bajja kien hemm xi dwejriet u griebeġ qodma. | | |
| 12 | Il-kesħa kienet taqtagħlek nifsek. | | |
| 13 | Dan ir-raħal inbidel f'post ta' villeġġjatura mill-aktar imfittxija. | | |
| 14 | Meta tinżel ix-xemx, it-toroq tar-raħal jimtlew bin-nies. | | |
| 15 | Vince kien ilu li xtara s-CD plejer sentejn. | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 16 | Carmen u Anna huma żewġ karattri li jissemmew f'din l-istorja. | | |
| 17 | Id-diska ta' Pharrell Williams *'Happy'* kienet fl-ewwel post. | | |
| 18 | It-tliet żgħażagħ waqfu jitkellmu għax għaddiet Ġuża u marru jkellmuha. | | |

*Issa se ngħaddu għal Taħriġ Ċ.*

19. Aqta' sing taħt it-tajba. (marka)

Isem addattat għal din l-istorja hu (Raħal Mibdul, Il-Mużika fi Żmienna, L-Irħula Viċin il-Baħar, Id-Dgħajjes tas-Seklu Għoxrin).

20. Mill-istorja sib kelma li tfisser 'tiċċaqlaq'. ________________ (marka)

*Issa se nerġa' naqralkom is-silta u wara l-mistoqsijiet. Tistgħu tiċċekkjaw it-tweġibiet tagħkom u timlew fejn ħallejtu vojt.*

Wara li taqra s-silta u l-mistoqsijiet għat-tieni darba agħti ftit minuti lit-tfal biex tara li jkunu lesti. Fl-aħħar tista' tgħid:

*Grazzi! L-eżami tas-smigħ spiċċa. Saħħa!*